# Knejjes Qodma u Vandalizmu Modern

## Ġrajja marbuta mal-knisja ta' San Franġisk fil-Belt Valletta fl-1923

**minn Joseph J. CAMILLERI** B.A., A.I.S.(Lond.), M.A.

Il-patrijiet ta' San Franġisk iddeċidew li jkabbru l-knisja tagħhom ta' Strada Rjali fil-Belt. F'April ta' l-1923 urew għal ftit ħin fl-armatura tal-ħanut tar-ritratti ta' Critien fi Strada Rjali, il-pjanti tat-tibdiliet proposti li għamilhom il-perit Manwel Borg. Il-kumitat tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ fil-laqgħa li saret fis-16 ta' Ġunju 1923, laqa' l-proposta tat-teżorier li jikteb lill-gvern fuq ix-xogħlijiet u t-twaqqigħ tal-faċċata nterna tal-knisja. Fil-ħamsa u għoxrin tax-xahar Caruana kiteb lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi:

*Il Comitato Direttivo richiama l'attenzione del governo sulla progettata demolizione della facciata interna della chiesa in cui si trova l'altare maggiore che è un vero gioiello di arte architettonica e decorattiva. La demolizione di quella facciata costituisce un atto di vero vandalismo, che il governo, se le legge del paese glielo permette, non mancherà di tutto fare perchè tale atto non venga eseguito. In ogni modo si spera che il governo vorrà fare ogni possibile pratica perchè tale monumento sia conservato, formando parte del ricco patrimonio di arte che si viene dai tempi dell'Ordine Gerosolmitane - (F.M. Caruana lill-Ministro di Lavori Pubblici, 25 Giugno, 1923).*

Il-kumitat tas-Soċjetà Maltija ta' l-Istorja u x-Xjenza sejħu wkoll laqgħa ġenerali fis-17 ta' Ġunju. Ipprotestat fl-istampa billi kkundannat il-bidliet strutturali tal-knisja, tibdiliet '*which would detract therefrom its historical and artistic merit*'. Is-segretarju A.H. Stilon bagħat kopja tad-deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika u lill-Provinċjal tal-Patrijiet Minuri Konventwali. Sa dak it-tant, ix-xogħlijiet tat-twaqqiegħ kien ġa beda.

Il-Provinċjal Micallef bl-għajnuna tas-Sur Robert Howard waqqaf Kumitat biex jiġbor il-fondi. Dan kien jiltaqa' fir-residenza li kellu Howard f'Għar id-Dud. Meta Howard stieden lis-Sinjura Mercieca biex tidħol fil-kumitat tan-nisa, l-Imħallef Arturo Mercieca wieġbu f'isimha '*che non intendevo render mia moglie complice di un' offesa al nostro patrimonio artistico*'. L-Imħallef kien il-president tas-Soċjetà Maltija tad-Dilettanti ta' l-Arti.



*Sir Arturo Mercieca*

Fit-23 ta' dak ix-xahar, Vincenzo Bonello, il-kuratur tas-sezzjoni ta l-arti fil-mużew u spettur ta' l-arti, għamel appell imqanqal lill-patrijiet biex jieqfu mix-xogħol fl-artiklu tiegħu '***Chiese Antiche e Vandalismo Moderno***' li deher fil-ġurnal *Il Popolo di Malta*. Is-Sur Bonello qal li l-knisja kienet '*la più nobile, del sobrio movimento di linee, per forme e per proporzione*' fil-belt kollha. Il-Professur Paribene ta' l-Università ta' Ruma meta kien Malta ddeskriva l-knisja bħala waħda mill-isbaħ xempji ta' arkitettura ekklesjastika f'Malta. Il-knisja kienet inbniet fl-1600, u fl-1681 il-Granmastru Caraffa ħareġ il-flus biex titkabbar. Fl-1726 saru xi tiswijiet fis-saqaf u pjanijiet biex jinbena kunvent ieħor. Saru protesti oħra dwar it-twaqqiegħ tal-knisja fosthom dawk ta' l-Għaqda Maltija tad-Dilettanti ta' l-Arti. Din kitbet ittra ta' protesta lis-superjur tal-patrijiet f'Ruma.

Dak iż-żmien qamet kwistjoni ftit sħuna. Kienet tqanqlet dwar l-arti u l-arkitettura, iżda malajr indaħlet fin-nofs il-politika. Bejn Lulju u Settembru dehru ħafna artikli fil-gazzetti dwar dan is-suġġett. Il-gvern ġie kkritikat b'inkonsistenza u mgħajjar li qiegħed jindaħal fl-amministrazzjoni ta' l-arti tal-knisja. Din kienet l-ewwel darba fi żmien l-Ingliżi li l-gvern ċivili f'Malta jindaħal fit-tkabbir ta' knisja għall-għanijiet ta' qima pubblika. Dan tqies bħala ndħil fl-amministrazzjoni nterna tal-Knisja. L-awtoritajiet ċivili, jekk jindaħlu, setgħu jiġu mhedda b'pieni ħorox, fosthom l-iskomunika. Trid tqis li l-gvern li għamel l-inibizzjoni kien wieħed nazzjonalista u l-ministru responsabbli qassis! Jingħad li, għad li kienu l-patrijiet li daħlu l-qorti, il-Vatikan, għad li mhux fid-deher, ma qabilx mal-gvern u Dandria ġie mbeżbeż mill-awtoritajiet tal-Knisja baxx baxx.

L-ittra tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ,

tal-25 ta' Ġunju, bdiet miexja minn dipartiment għall-ieħor. L-ewwel reazzjoni tal-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienet li l-gvern ma kellux jindaħal. Iżda ddeċieda li jieħu l-parir tat-*Treasury Council*, li dan ukoll ra diffikultajiet u l-oppożizzjoni qawwija li kienet tqum li kellu jindaħal fin-nofs il-gvern. Fil-fehma tiegħu, il-gvern kellu possibilità waħda: seta' jindaħal biss jekk il-Kumitat ta' l-Antikitajiet jagħti parir lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika li l-faċċata msemmija kienet bini artistiku li jistħoqqlu jiġi kkonservat. F'dan il-każ, il-Ministru seta' jieħu azzjoni skond Artiklu 6 ta' l-Ordinanza ta' l-1910 dwar l-antikitajiet. Il-liġi kienet tgħid li ħadd ma seta' jħott jew jagħmel tibdiliet f'bini antik jew f'monumenti ta' mportanza storika u artistika kemm jekk ikunu f'postijiet privati jew le. It-*Treasury Council* issuġġerixxa li l-kumitat jiġi mwissi biex iżomm quddiem għajnejh li l-indħil kellu x'jaqsam ma' knisja li kienet propjetà privata u li l-bidliet strutturali maħsubin ma kienux se jsiru bi spekulazzjoni ta qligħ. Bit-tama li jiġi evitat l-inkwiet issuġġerixxa wkoll minflok, biex il-kumitat jew il-Kamra tal-Periti jappellaw għas-sentimenti patrijottiċi u artistiċi tal-patrijiet li kienu s-sidien. Għalhekk il-korrispondenza għaddiet għand il-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, Mons. Enrico Dandria.

Sa dak it-tant, fl-4 ta' Lulju, Vincenzo Bonello kiteb ittra lill-Aġent Direttur tal-Mużew, R.V. Galea fuq l-istess suġġett u talbu biex il-gvern jinforza l-liġi bla dewmien u b'hekk ikun jilqa' x-xewqat tas-sezzjoni ntelliġenti tal-komunità u biex fuq kollox '*will wrest from destruction for the generation to come a most noble and charming an old building*'. L-Aġent Direttur tal-Mużew qabel ma' Bonello li minħabba l-valur storiku u artistiku tal-bini, dan ma kellux jinqered u talab lil Mons. Dandria biex kemm jista' jkun malajr jittieħdu l-passi legali. Fl-istess waqt għaddhielu wkoll l-itrra tas-Sur Bonello. Kien jidher mill-bidu nett li l-ministru kien favur li x-xogħol fil-knisja ma jitkompliex u li l-gvern kellu jindaħal. F'minuta li bagħat il-Ministru tal-Ġustizzja fit-12 ta' Lulju talbu biex jieħu l-passi meħtieġa. It-*Treasury Council* baqa' jgħid li l-kwistjoni kienet waħda delikata għaliex il-bini kien knisja f'Malta u għaliex il-kwistjoni '*peculiary lends itself to be made capital out of persons who might have an interest in raising an outcry against the government for interfering with Church property*'. Semma' wkoll il-problemi tar-rikompens li l-patrijiet setgħu jitolbu. Il-kwistjoni ġiet ukoll studjata fil-Kabinett, fejn ġie deċiż li ma kellhiex tittieħed deċiżjoni qabel ma ssir laqgħa tal-Kumitat ta' l-Antikitajiet.

Fis-17 ta' Lulju saret laqgħa tal-Kumitat ta' lAntikitajiet taħt il-presidenza ta' Mons. Dandria li unanimament għaddiet żewġ riżoluzzjonijiet. L-ewwel waħda ddeplorat il-fatt li l-oratorju ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni kien ġa beda jitwaqqa' kontra l-liġi u tirrakkomanda lill-gvern jieħu l-passi legali biex jitwaqqaf ix-xogħol u jikkonserva l-monument. It-tieni riżoluzzjoni tirrikmanda tibdil fl-Ordinanza VI ta' l-1910 (amendata bl-Att XIII ta' l-1922) b'effett biex dawk kollha li kellhom ħsieb iwaqqgħu jew jagħmlu bidliet f'bini kemm pubbliku kif ukoll privat, riedu jinfurmaw minn qabel lid-Direttur tal-Mużew.


Sir Temi Zammit

Temi Zammit, li kien id-Direttur tal-Mużew u Segretarju tal-Kumitat, kien imsiefer u ma attendiex għall-ewwel laqgħat. Sar jaf bix-xogħol li kien beda meta ġie lura mill-Ingilterra għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Lulju. Iżda s-Sur Bonello u Dr. Albert Stilon kienu ġa kellmuh dwar is-suġġett, u meta Dr. Stilon staqsieh jistgħux jagħmlu xi ħaġa, Zammit wieġeb li jippruvaw isalvaw l-arma tal-ġebel li kien hemm billi jeħduha l-mużew. Meta staqsih hemmx xi manjiera biex ma jħallux ix-xogħol isir, it-tweġiba ta' Temi Zammit kienet "min se jeħodha mal-patrijiet?"

Fit-18 ta' Lulju, is-Soċjetà Maltija Storika Xjentifika bagħtet riżoluzzjoni taħt il-firma tas-segretarju A.H. Stilon lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, lill-Provinċjal u lill-istampa u li fiha ddeploraw kull tibdil fil-knisja ta' San Franġisk li seta' b'xi mod inaqqsilha l-valur storiku u artistiku.

Sa dak it-tant, Mons. Dandria kellem lill-Provinċ jal tal-Kunvent ta' San Franġisk fil-belt, Patri Anton F. Buhagiar, fuq il-kwistjoni, iżda ma rriżulta xejn. Għalhekk fit-18 ta' Lulju, infurmah bil-miktub bir-riżoluzzjoni tal-Kumitat ta' l-Antikitajiet, staqsieh jaqbilx ma' dik id-deċiżjoni u l-istess waqt talbu biex iwaqqaf ix-xogħol tal-ħatt li kien qed isir kontra l-liġi. Il-ministru qallu li ma xtaqx kieku jkun mġiegħel jieħu passi legali. Talbu biex jekk ikun meħtieġ iħalli l-perit tal-gvern jispezzjona l-bini kuljum biex jiġi assigurat li x-xogħol jibqa' wieqaf. L-għada stess, il-provinċjal wieġbu xott xott u qallu li l-każ kien f'idejn l-avukati tiegħu u li dawn kellhom iweġbuh huma.

Fl-20 ta' Lulju, l-avukat tal-provinċjal, Dr. Philip Pullicino, u l-Prof. Agusto Bartolo wieġbu l-ittra ta' Mons. Dandria u qalulu li filwaqt li kienu taw parir lill-provinċjal biex iwaqqaf ix-xogħol, ma kinux sejrin jidħlu responsabbli għall-ħsarat li setgħet issir lill-propjetà. L-istat li fih kien il-bini kien ukoll ta' periklu għall-ħajja tan-nies. L-avukati wrew dubju dwar il-legalità ta' l-azzjoni u tħassbu jekk bl-imġieba tiegħu, il-ministru kienx qiegħed jindaħal fl-amministrazzjoni nterna tal-Knisja fejn għandha x'taqsam il-qima pubblika. Irrivelaw il-fatt ukoll li l-gvern ma setax jinforza l-liġi issa, tlett xhur wara li beda x-xogħol u

wara li kulħadd kien jaf bih. Urewh il-ħsieb li kellhom jitolbu kumpens bil-qorti jekk ma jibdilx id-deċiżjoni u jħalli x-xogħol jitkompla. Riedu tweġiba sa l-għada.

Il-ministru weġibhom fil-ħin u qalilhom li ma kellu l-ebda ħsieb jindaħal fl-affarijiet tal-Knisja. Mill-banda l-oħra qalilhom '*the government cannot but observe the laws of these islands and my letter of the 18th instant was nothing more than the official notice intimating the Rev. Father Provincial what had already been communicated to him verbally*'. Għalaq l-ittra billi qalilhom '*the government cannot, of course, allow itself to be led away by threats of legal action from performing a duty which it has hitherto attempted to perform in a manner as far from unpleasant as possible to the other parties concerned and least detrimental to the interest of the Church*'.

Fi tweġiba twila, l-avukati kkummentaw punt punt l-ittra tal-ministru u reġgħu waħħlu fil-gvern li kien ħa wisq żmien biex ħa deċiżjoni u jwaqqaf ix-xogħol. Fakkru li wara kollox, il-Kumitat ta' l-Antikitajiet kien qiegħed biss biex jagħti parir. L-avukati nfurmawh li kontra qalbhom kienu sejrin jieħdu passi legali.

Il-patrijiet għamlu kawża li saret quddiem l-Imħallef Debono. Il-Qorti Ċivili kellha tiddeċiedi jekk il-gvern kellux jindaħal f'xogħol li kien qiegħed isir fi knisja, u jekk ix-xogħol li kien ilu żmien twil mibdi, setax jiġi mwaqqaf. Il-patrijiet tilfu l-kawża, iżda l-Imħallef sostna l-argument li bis-silenzju tiegħu meta ħalla x-xogħol jibda, il-gvern qiegħed japprova l-aġir tal-patrijiet. Il-Qorti ta' l-Appell li ltaqa' fid-9 u fit-13 t'Awwissu, ikkonferma s-sentenza, iżda ġiegħel lill-gvern iħallas lura l-ispejjeż li l-patrijiet kienu għamlu sa dakinhar. Il-qorti talab lill-gvern jagħmel dikjarazzjoni fi ftit jiem.

Fl-20 t'Awwissu, Vincenzo Bonello reġa' kiteb iebes f'*Il Popolo di Malta*. Qal li jekk il-gvern se jkollu jonfoq il-flus biex iwaqqaf ix-xogħol, dan ikun qiegħed jonfoqhom f'kawża ġusta, għaliex ikun waqqaf att vandalu li jġiegħel il-ġilda ħoxna tal-merċenarji t'Attila tiħmar bil-mistħija. Semma l-gwerra li xi wħud kienu qegħdin jagħmlulu permezz tal-gideb. Qal li kien lest jiġġieled lil dawk l-iskampli mimlijin ħmieġ - '*a few mischievous reptiles of the political type which breath well only when the air is contaminated... If the events connected with the historical and artistic church will give victory to the demolitary hatches, it is because the governrnent is within the range of an opposition which is dishonest and unworhty of a civilized country, and future generations will know whom they will have to thank*' - (traduzzjoni mit-Taljan).

Il-Kumitat ta' l-Antikitajiet, f'laqgħa oħra li għamel fil-21 t'Awwissu, għadda riżoluzzjoni li l-President Mons. Dandria u s-Segretraju Temi Zammit bagħtuha lill-Kap tal-Ministri Joseph Howard. Jidher ċar li n-nar beda jbatti. Howard kellu l-ħsieb iħalli ż-żmien mogħti mill-gvern mill-Qorti ta' l-Appell jgħaddi, biex il-patrijiet ikunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tal-knisja. B'sitt voti favur u wieħed kontra, il-kumitat ippropona li kien lest jissottometti proġett lill-gvern u lill-patrijiet li bih il-Minuri Konventwali setgħu jibqgħu jkabbru l-knisja mingħajr ma jwaqqgħu l-faċċata nterna.


Il-Prim Ministru Joseph Howard

Ir-riżoluzzjoni qalet ukoll '*in case an agreement as the practibility of the proposal cannot be arrived at by the parties concerned, having regard to the considerable expenditure that has been incurred on the demolition of the part of the monastry, and to the further sum which will have to be spent to make good the demolished part in order that the facade may be preserved, and to the fact that the outlay will have to be defrayed either by the government or the Minor Conventuals, the Committee, still holding that the monumental church of St. Francis is worthty of being preserved in terms of the resolution passed on the 17th July, is of opinion that it has not now such a strong claim for the preservation as to justify too great an outlay for the purpose*'. Mela issa, il-battalja kienet mitlufa. Din ir-riżoluzzjoni saret bi skop, tant hu hekk li l-Prim Ministru Howard fl-ittra tiegħu tat-23 t'Awwissu lill-Provinċjal, bagħat kopja sħiħa ta' din ir-riżoluzzjoni u fl-istess waqt tenna li l-gvern ma kienx iħossu ġustifikat li jgħabbi '*the Public Exchequer with the large expenditure necessary for the government to exercise the option reserved by the Court of Appeal*'.

L-ispiża kienet stmata li tlaħħaq bejn l-elfejn u t-tlett elf lira. Howard qallu li ġie deċiż li ma kinitx sejra tibqa' ssir insistenza u semmielu l-proġett propost mill-kumitat bit-tama li tkun tista' ssir xi ħaġa biex il-monument ikun preservat. Il-Provinċjal Ant. M. Buhagiar wieġbu l-għada stess fejn qallu li l-komunità la kellha l-ħsieb terġa' tqanqal mill-ġdid il-kwistjoni, u lanqas tikkonsidra l-proġett alternattiv għaliex "kien ġa ntilef biżżejjed żmien prezzjuż". Il-provinċjal kellu r-riħ favur tiegħu. Tenna li l-komunità tiegħu għadha ma tistax taqbel li l-knisja tagħhom hi monument ta' mportanza storika jew artistika, u għalhekk ir-raġunijiet favur il-qima pubblika '*now is imperative to resume the work at once and carry it out without the least possible delay in accordance with the original plans*'.

L-isforzi tas-Sur Bonello u sħabu biex jippreservaw dan il-monument ta' l-arti sfuma fix-xejn. Il-knisja tkabbret, iżda ma baqgħetx li kienet qabel. Is-Sur Bonello għamel l-isforzi kollha tiegħu, sa mar minn rajh Ruma biex jerġa' jqanqal il-każ ma' l-awtoritajiet tal-Knisja. Meta ra l-pjanta fl-armatura ta' Critien kien mar ikellem lill-Provinċjal Buhagiar, mill-ewwel

ġibidlu l-attenzjoni dwar il-mertu storiku u artistiku rari tal-knisja. Billi kien tal-fehma li l-provinċjal kien il-promutur ta' kollox, urieh ukoll li kellu l-ħsieb iqanqal il-kwistjoni fl-istampa mas-soċjetajiet lokali, kif ukoll mas-superjuri tal-patrijiet f'Ruma. "Issa kollox għandna lest u lanqas il-Papa ma jista' jwaqqaf ix-xogħol" wieġbu. Lill-provinċjal kienu ġa kellmuh nies oħra fuq dan l-aspett u għad li kien jaqbel li l-knisja kellha valur storiku u artistiku, qal lis-Sur Bonello li l-patrijiet kienu tal-fehma li x-xogħol kien meħtieġ u li l-ebda argument ma kien sejjer ibidlilhom fehemthom. Dak il-konfront kien wieħed imqanqal u fis-saħna, il-provinċjal wasal biex qallu li x-xogħol ma kienx se jsir għall-konvenjenza tal-pubbliku, iżda biex jakkomoda 'l patrijiet li fis-sajf ma kienux jissaportu s-sħana meta jkunu fil-kor. Dakinhar stess il-pjanti kienu tneħħew mill-vetrina.

Billi s-sena ta' qabel is-Sur Bonello kien beda jaħdem fil-Mużew, xtaq ikun jaf il-pożizzjoni tiegħu kieku kellu jqajjem il-kwistjoni mal-gvern. Għalhekk ipprova jieħu l-opinjoni tal-kuratur tal-mużew. Qabel ma ppubblika l-artiklu tiegħu dwar il-knisja wrieh lill-Prof. Robert Galea, l-Aġent Kuratur. Meta rah li kien jaqbel miegħu ħajru jlaqqa' l-Kumitat ta' l-Antikitajiet. Billi dan il-kumitat seta' jsejjaħlu biss il-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, Bonello mar tlett darbiet ifittex lil Mons. F. Ferris, iżda billi dan kien imħabbat bil-liġi tal-Pari Passu, li dik il-ħabta kienet qegħda tiġi diskussa, ma rnexxielux ikellmu. Mons. Ferris dam ministru sat-3 Lulju, u ma kien jaf xejn dwar il-każ ta' San Franġisk, la kelmu ħadd u lanqas ma qara xejn dwaru fil-gazzetti. Mons. Dandria li laħaq ministru mar-riżenja ta' Ferris laqqa' l-kumitat wara li rċieva l-ittra tas-Sur Bonello li kien bgħatlu l-kuratur tal-mużew.

Kien ukoll Bonello li għamel pressjoni diretta u ndiretta fuq is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, u fuq is-Soċjetà Maltija tad-Dilettanti ta' l-Arti biex jieħdu azzjoni. Ipprova jdaħħal ukoll fin-nofs il-Kamra tal-Periti, iżda ma rnexxielux. B'dawk l-interventi u t-tqanqil kollu, kien jittama li l-patrijiet kienu sejrin jimmollaw mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jindaħal fin-noifs il-gvern. Kien aktar u aktar jaħseb hekk għax kien kiteb ukoll Ruma lill-Patri Bondini, ħabib tiegħu, espert fl-arti u l-prokuratur ġenerali tal-Patrijiet Franġiskani f'Ruma. Imma billi kien mar fuq xogħol Pariġi, l-ittra ta' Bonello baqgħet tistennieh fil-kunvent ta' Santi Apostoli. Bħala l-aħħar sforz is-Sur Bonello mar Ruma. Sab diffikultajiet biex qala' l-permess u hu stess qal li kieku wasal Ruma jumejn qabel l-affarijiet kienu jieħdu xejra oħra.

F'dak l-istess xahar Bonello kiteb l-aħħar artiklu tiegħu dwar il-knisja ta' San Franġisk. Inzerta li l-editorjal ta' *The Teacher* ittratta r-regolamenti kolonjali. Ir-regolament 44 kien jipprojbixxi uffiċjali pubbliċi li jkunu edituri jew f'qagħda amministrattiva ta' ġurnal, jew li jiktbu f'gazzetti f'Malta jew x'imkien iehor taħt *nom-de-plume*. Ma setgħux lanqas jiktbu fuq kwistjonijiet politiċi jew amministrattivi. Setgħu biss jiktbu artikli b'isimhom ta' nteress ġenerali. L-editur ta' *The Teacher* staqsa jekk l-għalliema setgħux jiktbu b'isimhom dwar l-edukazzjoni, meta l-edukazzjoni kienet ta' nteress ġenerali. L-artiklu tas-Sur Bonello ta' l-20 t'Awwissu mid-dehra ma għoġobx lill-Gvernatur F.M. Plumer għax kiteb lill-Kap tal-Ministri u qallu li l-ministri, fl-interess pubbliku kellhom jinnotaw li s-Sur Bonello kien qiegħed jikkorrispondi fil-gazzetti kontra r-regolamenti tas-servizz. Meta Dandria laħaq ministru kien ġa bagħat għas-Sur Bonello u ġegħlu jagħtih ir-raġunijiet għaliex, flok li għamel dmiru u nforma l-gvern dwar il-valur storiku w artistiku tal-knisja pprefera li jikteb fil-gazzetti. Is-Sur Bonello ġġustifika ruħu billi wieġbu li hu ma kienx uffiċjal regolari mal-gvern, u għalhekk ħaseb li seta' jikteb fil-ġurnali. Fil-fatt meta hu kien ġie mpjegat, is-Sur Bonavia, li kien l-Assistent Segretarju tal-gvern, wegħdu li seta' jikteb u jiddiskuti kemm irid. Bonello qal lill-minsitru li meta kiteb l-artiklu dan għamlu fl-interess tal-gvern u mhux għall-kuntrarju. Mons. Dandria ma riedux jikteb aktar fuq dan is-suġġett qabel ma jkun ra b'għajnejh il-kontribuzzjoni. Fil-fatt, l-artiklu ta' l-20 t'Awwissu li għalih sab oġġezzjoni l-gvernatur, kien ġie pubblikat bl-approvazzjoni ta' Mons. Dandria.

Wara din id-disfatta kollha, ħadd ma ried jieħu t-tort ta' kif żviluppaw l-affarijiet, iżda vittma riedet tinstab! Mons. Dandria kien għadu kif laħaq ministru u sab mill-ewwel dil-problema ma' wiċċu. Qal li ż-żmien ta' bidla bejn iż-żewġ ministri jaħti li x-xogħol fil-knisja kien laħaq beda. Għalhekk biex jiġġustifika ruħu u mingħalih jinnormalizza l-qagħda, ħatar bord ta' nkjesta magħmul mill-Imħallef Arturo Mercieca, l-Avukat Giuseppe Degiorgio, il-Prokuratur Legali Eugenio Vella u s-Sur Vincenzo Terribile bħala Segretarju. Il-bord kellu jistħarreġ l-imġieba tas-Sur Vincenzo Bonello u jiddeċiedi jekk kisirx ir-regolamenti. Kellu wkoll jinvestiga żewġ każi oħra simili: dak tas-Sur Rogantin Cachia, l-editur ta' *The Teacher*, u tal-Prof. A.A. Randon. Il-bord kellu wkoll jara min kien responsabbli li jġib l-attenzjoni fil-ħin tal-Kumitat ta' l-Antikitajiet jew tal-Ministru dwar il-każ tal-knisja ta' San Franġisk qabel il-pubblikazzjoni ta' l-artiklu tas-Sur Bonello.

Il-gvernatur ma qabilx li jsir bord ta' nkjesta taħt il-presidenza ta' imħallef, għax b'hekk kienet se tingħata '*an exaggerated impression of the offence committed against the regulations*'. Deherlu li kien ikun biżżejjed li l-ministru jew il-kap tad-dipartiment iwissihom u jwiddibhom serjament għal darb'oħra. Iżda l-ministru baqa' jinsisti, ressaq il-biċċa quddiem il-Kabinett li f'Novembru ddeċieda li l-bord dik id-darba jkun taħt il-presidenza tal-Maġistrat R.F. Refalo. Il-membri l-oħra

kellhom ikunu l-Avukat Degiorgio u s-Sur Hannibal Scicluna. Lanqas dik id-darba l-gvernatur ma qabel li ssir inkjesta dwar min kien responsabbli li jinforma lill-gvern dwar il-knisja li kella ssir, il-gvernatur ma baqax isib oġġezzjoni. Fil-5 ta' Novembru, il-bord beda jisma' x-xhieda.

Saru seba' laqgħat. Ħa x-xhieda bil-ġurament ta' Temi Zammit, Dr. Albert Stilon, l-Imħallef Arturo Mercieca, il-Perit Franġisk M. Caruana, Mons. F. Ferris, Edward Caruana Dingli u Vincenzo Bonello. Il-bord bagħat rapport lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika fid-19 ta' Frar 1924. Skond il-fehma tiegħu, ħadd ma kien responsabbli jiġbed l-attenzjoni tal-ministru jew tal-kumitat għat-tibdiliet proposti fil-knisja. Skond l-Ordinanza ta' l-antikitajiet la d-direttur tal-mużew u lanqas l-ispettur ta' l-arti ma kellhom dan id-dmir. Il-ministru ma kienx sodisfatt bir-rapport u sostna mal-prim ministru li jekk is-Sur Bonello ma kienx legalment responsabbli, kellu d-dmir morali li jinfurmah.

Il-kwistjoni ntemmet billi l-ministru ordna lid-direttur tal-mużew biex minn dakinhar 'l quddiem jibda jinfurmah jekk ikun jaf li kien se jkun hemm abbuż fil-liġi. Iżda Mons. Dandria, fuq li ġara, amenda l-Att ta' l-1922 dwar il-ħarsien ta' l-antikitajiet biex jogħġob lill-isqof u biex jagħmel kompromess. Il-bini tal-knejjes ma kienx jaqa' taħt id-dispożizzjoni tal-liġi. Kull deċiżjoni ta' tibdil strutturali jew ħatt, kellha tittieħed minn bord ta' esperti magħżulin mill-awtoritajiet tal-Knisja. Il-ministru kien fil-fatt għarraf minn quddiem lill-isqfijiet b'dan l-abbozz il-ġdid u talabhom jagħtuh kemm jista' jkun malajr il-veduti tagħhom '*siccome espediente che qualunque emandamente da proporsi venga incorporata nella nuova legge e non sottomessa sotto forma di un Atto emendamente la stessa dopo la sua approvazione*'. Qalilhom ukoll li jekk jemmnu li jkun aħjar jekk ikun hemm l-approvazzjoni diretta tal-Papa, il-gvern ma kienx sejjer isibha bi tqila li javviċinah. Il-ministru kien jittama li l-abbozz '*sarà considerato da tutti gli interessati come un eque aggiustamento di una questione importante come pure il mezzo atto a procurare una cooperazione cordiale tra Chiesa e Stato intesa alla tutela della antichità confermamente ai sacri canoni ed al desiderio espresso della Santa Sede' - Dic. 26, 1924.*

Dwar dak li kiteb b'tant ħeġġa is-Sur Vincenzo Bonello '***Chiese Antiche e Vandalismo Moderno***' fil-ġurnal *Il Popolo di Malta* tat-23 ta' Ġunju 1923, x'jista' wieħed illum jikkummenta?

**Referenzi:**

* *Files: Ministry for Public Instruction*;
* *Head of Ministry*;
* *Maltese Imperial Government.*
* *The Architects Ordinance, 1919.*
* *Un Atto per Emendere l'Ordinanza del 1910 per la Tutela della Antichità.*
* Bejn l-20 ta' Lulju u t-3 t'Ottubru 1923 dehru fil-ġurnali, l-aktar *Il Popolo*, mhux inqas minn erbgħin editorjal u artikli dwar is-suġġett, fosthom ta' Gerald Strickland u E. Mizzi.
* Fid-29 ta' Settembru, l-MPI ordna l-pubblikazzjoni ta' lista ta' naħat, bini u fdalijiet biex ikunu protetti.
* Xi dati konnessi - 1923:

April: Wirja tal-pjanti fl-armatura tal-ħanut tar-ritratti ta' Critien fi Strada Rjali, il-Belt, li juru it-tibdil propost;
16 ta' Ġunju: Deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ li tikteb lill-gvern;
18 ta' Ġunju: Laqgħa tal-Kumitat tal-Malta Art Amateur Association biex isejjaħ laqgħa ta' protesta;
23 ta' Ġunju: Artiklu ta' Vincenzo Bonello.
25 ta' Ġunju: Deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ biex jikteb lill-gvern;
28 ta' Ġunju: Minuta tas-Supretendent tal-Public Works;
30 ta' Ġunju: Laqgħa Ġenerali tal-Malta Art Amateur Association biex tintbagħat ittra lill-provinċjal u lill-press;
4 ta' Lulju: Is-Sur Bonello jikteb lill-MPI u jgħidlu li ma kienx dmiru li jinfurmah, iżda kulma għamel għax iħobb l-arti. Ittra ta' Bonello lill-a/Direttur tal-Mużew;
6 ta' Lulju: a/Direttur tal-Mużew lill-MPI;
12 ta' Lulju: Laqgħa tal-Kumitat ta' l-Antikitajiet - riżoluzzjoni biex il-gvern jieħu passi legali;
18 ta' Lulju: Riżoluzzjoni tal-Historical Society lill-ġurnali. MPI jikteb lill-provinċjal, tweġiba l-għada;
20 ta' Lulju: L-avukati tal-provinċjal jiktbu lill-MPI, u l-MPI iwieġeb l-għada;
23 ta' Lulju: L-avukati jiktbu lill-MPI;
20 t'Awwissu: Artiklu ta' V. Bonello;
21 t'Awwissu: Riżoluzzjoni tal-Kumitat ta' l-Antikitajiet;
23 t'Awwissu: J. Howard jikteb lill-provinċjal, u tweġiba l-għada;
3 ta' Settembru: Minuta tal-Gvernatur dwar V. Bonello;
26 ta' Settembru: MPI minuta dwar ħatra ta' bord taħt imħallef;
3 t'Ottubru: Gvernatur ma qabilx li jkun taħt imħallef. MPI lill-Kabinett dwar bord taħt maġistrat;
9 t'Ottubru: Gvernatur ma qabilx mal-bord;
10 t'Ottubru: MPI lill-gvernatur;
13 t'Ottubru: Gvernatur jaqbel li jitwaqqaf bord;
5, 12 u 21 ta' Diċembru: Xhieda quddiem il-bord ta' nkjesta;
19 ta' Frar 1924: Ir-rapport ta' l-inkjesta;
5 ta' Marzu: MPI ma għoġbux ir-rapport ta' l-inkjesta.